# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tal-Ħmistax il- laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 6 ta' Lulju 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

Il-Vici-Sindku s-Sur Josef Azzopardi attend fis-6.20pm

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Erbatax laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 1 ta' Ġunju 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ġibed l-attenzjoni li wara l-maltempata li saret ftit tal-ġranet ilu, fejn kien hemm ilmenti dwar ilmijiet kbar fi Triq is-Sajjieda, il-Kunsill ġie infurmat li dan kien kawża għall-fatt li l-gradilji kienu ġew magħluqa minħabba li kien hemm ilmenti dwar irwejjaħ bil-konsegwenza li meta għamlet din ix-xita li ma kenitx mistennija ma kienx hemm minn fejn jgħaddi l-ilma. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Korporazzjoni tal-Ilma se tkun qed tieħu ħsieb it-tieni fażi tal-proġett billi ssir katusa li tgħaqqad id-drenaġġ minn taħt Triq Diċembru Tlettax. Dan ix-xogħol huwa maħsub li jsir qabel ix-xitwa.

3.2 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi attenda għal-laqgħa f'dan l-istadju tal-laqgħa.

## 4. *Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-1 ta' Ġunju 2016 sas-6 ta' Lulju 2016.*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-Kumpanija Greenpak li qed toffri kotba edukattivi għal valur ta' sittin ewro bħala għajnuna għal-kompetizzjoni tat-tfal.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mill-Kumitat Festi Esterni fejn qed isaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fil-pubblikazzjoni li ser joħorġu għal zmien il-festa. Ir-reklam jiswa €250 bil-kulur fuq il-qoxra. Il-Kunsill approva *nem.con*.

4.4 Dwar korrispondenza, mis-Socjeta' Muzikali fejn qed isaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fil-pubblikazzjoni li ser joħorġu għal zmien il-festa. Ir-reklam jiswa €250 bil-kulur fuq il-qoxra. Il-Kunsill approva *nem.con*.

4.5 Dwar talba biex isir bollards fi Triq Nerik Sacco, il-Kunsill approva unanimament.

## 5. *Schedule of Payments 7/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order 4251 - 4262*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4251 sa 4262 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request 3226 - 3236*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3226 sa 3236 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *8. Approvazzjoni Annwali Amministrattiv 2015*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jressaq ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2015 għall-approvazzjoni.

8.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li dan ir-Rapport Amministrattiv jagħti rendikont tal-ħidma mwettqa mill-Kunsill fis-sena 2015, kif ukoll tar-rapport finanzjarju kif awditjat u approvat mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti.

8.3 Fiċ-ċirkostanzi, is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li jiġi approvat ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2015. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *9. Deċiżjoni fuq Kwotazzjoni – Development of New Website*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jressaq l-iskeda ta' offerti mitfugħa sad-data tal-għeluq.

9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm ħames offerti. Wara diskussjoni fl-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet mitfugħa, ġiet magħżula l-kwotazzjoni ta' Cyberspace Ltd. peress li kienet l-kwotazzjoni li sottomettiet l-aktar proposta attraenti, bil-prezz ta' elfejn u erbgħin ewro (€2040). Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li s-servizz għad-disinjar ta' website ġdida tingħata lil Cyberspace Ltd. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

9.3 Il-Kunsill iddeċieda sabiex jitlob lill-kuntrattur jibgħat *mock up design* sabiex jiġi approvat qabel ma tkun kompluta l-website.

## *10. Deċiżjoni fuq Kwotazzjoni – Restoration and Relocation ofWater Trough, Marsa*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jressaq l-iskeda ta' offerti mitfugħa sad-data tal-għeluq.

10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm żewġ offerti. Wara diskussjoni fl-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet mitfugħa, ġiet magħżula l-kwotazzjoni ta' Agius Stone Works Ltd. peress li kienet l-orħos kwotazzjoni u l-kuntrattur għandu esperjenza valida dwar xogħol ta'

restawr, bil-prezz ta' elf disa' mija u tmenin ewro (€1980). Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li x-xogħol ta' restawr u rilokazzjoni tal-funtana tingħata lil Agius Stoneworks Ltd. Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

10.3 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa biex din il-funtana tkun taħdem bl-ilma. Il-Kunsill ħa jara xi jkun jinvolvi biex dan ikun jista' jsir hekk kif għandu jibda x-xogħol tar-restawr fuqha b'mod immedjat.

## 11. *Ittra Legali lil Transport Malta dwar il-ħajt ta' Triq il-Bajjada*

11.1 Is-Sindku Francis Debono sostna li l-Kunsill ilu ħafna jistenna lill-awtoritajiet, sabiex il-ħajt ta' Triq il-Bajjada jiġi rranġat. Fiċ-ċirkostanzi li r-rapport tal-Kunsill waqgħu fuq widnejn torox, is-Sindku s-Sur Francis Debono issuġġerixxa biex tintbagħat ittra legali lil Transport Malta u terfagħha bir-responsabbilta' dwar dan in-nuqqas serju.

11.2 Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## 12. *Bdil ta' Parti mill-bankina fi Triq Qormi ħdejn il-Windsor Court*

12.1 Is-Sindku Francis Debono ressaq quddiem il-Kunsill sabiex isir xogħol ta' bdil ta' bankina li hemm fi Triq Qormi bejn il-ħanut tal-ġwież u l-binja Windsor Court, kif ukoll tiswija ta' parti zgħira mill-bankina fi Triq l-Iskola.

12.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## 13. *Tiswija tat-taraġ ta' ħdejn il-Latrina Pubblika*

13.1 Is-Sindku Francis Debono ressaq quddiem il-Kunsill sabiex issir manutenzjoni tat-taraġ li hemm ħdejn il-latrina pubblika billi jsir saff ieħor tal-konkos. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa biex jekk hu possibli jsir bil-paving blocks jew xi tip ta' madum ieħor kif ukoll li ssir il-parti ta' taħt it-taraġ għax tinsab fi stat ħażin. Is-Sindku s-Sur Francis Debono se jkun qe jitlob l-parir tal-perit tal-Kunsill flimien ma' stima tax-xogħlijiet sabiex il-Kunsill jipprova jagħmel dan ix-xogħol billi jottjeni fondi mill-Urban Improvement Fund.

13.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

13.3 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq sabiex fil-passaġġ li hemm wara l-monument ta' Patri Feliċjani Bilocca isir railing li jagħti għal Triq Diċembru Tlettax. Il-Kunsill qabel unanimament biex isir dan ir-railing.

## *14. Tarmak ta' Sqaq San Bernard*

14.1 Is-Sindku Francis Debono ressaq quddiem il-Kunsill sabiex jingħata wiċċ ġdid Sqaq San Bernard. Il-Kunsill qabel li dan jingħata bil-konkos peress li huwa orħos u l-isqaq huwa wieħed dejjaq.

14.2 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

14.3 Il-Kunsill għandu jibda' billi jinforma lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma sabiex jinbiddel s-servizzi tal-ilma.

## *15. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

15.1 Il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi ġibed l-attenzjoni li ħdejn in-niċċa tad-Duluri, ħdejn Blokk D, it-taraġ mhuwiex aċċessibbli. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li se jivverifika dan l-ilment.

15.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer saqsa dwar jekk tistax issir bye-law sabiex kumpaniji li jħaddmu aktar minn 15-il ruħ jkunu obbligati li jkollhom skip. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li diġa hemm liġi li titlob lil min jipproduċi ikel li għandu jkollu skip u li se jivverifika mal-avukat tal-Kunsill jekk din il-bye-law tistax issir.

15.3 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit saqsa dwar fhiex wasal il-proġett tad-dawra ta' Triq Isouard ma Triq Qormi u jekk hux possibli li ssir żona għall-klieb. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill għadu qed jistenna l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

15.4 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġibed l-attenzjoni biex isir tindif fuq wara ta' Triq Azzopardi. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li għal dik iż-żona l-Kunsill għandu jivverifika dwar jekk jistax isir passaġġ bid-dawl biex jonqsu l-abbużi.

15.5 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar rapport li deher fuq il-ġurnali dwar ġlied f'ħanut fil-Marsa bejn l-immigranti u dwar jekk il-Kunsill għamilx xi pressjoni fuq l-awtoritajiet. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-awtoritajiet, parikolarment il-Pulizija, taf bis-sitwazzjoni tal-immigranti u bil-postijiet fejn ikun hemm problemi bħalma kien f'dan il-każ imsemmi għaliex il-Kunsill kemm il-darba ġibed l-attenzjoni tagħhom fin-numru ta' laqgħat li saru mal-Pulizija f'dawn l-aħħar snin.

15.6 Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit dwar jekk ir-rapport li kellu jsir mid-Dipartiment tal-Integrazzjoni dwar il-problema ta' nuqqas ta' integrazzjoni fil-lokalita' tal-Marsa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ir-rapport kien għadu ma ġiex mibgħut u għaldaqstant se jikkomunika ma' dan id-Dipartiment sabiex wieħed jara fhiex wasal.

15.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saqsa dwar x'sar mill-proposta biex isir *kennels* għall-qtates. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li huwa kien ikkomunika mal-Kunsillier fejn

infurmahom li wara riċerka li għamel ma' Kunsilli Lokali oħrajn dawn il-*kennels* saru minn ħaddiema ta' Kunsilli Lokali jew minn mastrudaxxi fejn iżda l-ispiża kienet waħda għolja. Il-Kunsill qabel unanimament biex jikteb lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Ħarsien tal-Annimali sabiex tintalab għajnuna ħalli jsiru dawn il-kennels (għal madwar tmien postijiet).

15.8 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer ġibed l-attenzjoni biex jekk l-Kunsillier ikollhom xi ideat għal program taċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ li ser ssir f'Settembru se jkun jista' jressaqhom quddiem il-Kunsill fil-laqgħa li jmiss peress li se jkun qed iressaq abbozz tal-programm tal-attivitajiet.

## ***16. <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>***

16.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 3 ta' Awwissu 2016 fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja ta' filgħaxija (8.00pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Data: 3 ta' Awissu 2016